

Ġurisprudenza tal-Istat Membru - Skozja



Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [en](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara b'ħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Din it-taqsimha tipprovdi b'deskrizzjoni tal-ġurisprudenza tar-Renju Unit, b'attenzjoni partikolari fuq il-ġurisdizzjoni tal-Iskozja. Id-deskrizzjoni tikkonċentra fuq il-ġurisprudenza li hija disponibbli f'bażijiet tad-dejta li huma aċċessibbli għall-pubbliku.

Ġurisprudenza disponibbli fl-Iskozja

Il-parti l-kbira tal-ġurisprudenza mill-qorti tal-ġurisdizzjoni tal-Iskozja fir-Renju Unit hija disponibbli għall-pubbliku.

Qrati ċivili

Il-ġurisprudenza hija publikata għall-**Court of Session u l-Appellate Committee of the House of Lords**, li fl-1 ta' Ottubru 2009 se jiġi sostitwit mill-Qorti Suprema (*Supreme Court*) tar-Renju Unit. Jiġu ppubblikati wkoll sentenzi ta' interess partikolari mill-Qrati tax-*Sheriff*.

Qrati Kriminali

Il-ġurisprudenza hija publikata għall-**Qrati tax-Sheriff u l-High Court of Justiciary**, li hija l-Qorti Kriminali Suprema għall-Iskozja.

Id-deċiżjonijiet dwar xi kawżi tal-familja u xi kawżi kriminali jistgħu jkun anonimi.

Il-ġurisprudenza ilha tiġi ppubblikata mill-1998. Ladarba tingħata sentenza, il-ġurisprudenza normalment tiġi ppubblikata bejn 24 siegħa u ġimagħtejn wara.

Bażijiet tad-dejta legali

Is-[sit elettroniku tal-Qrati Skoċċiżi](#) ppubblikas-sentenzi tal-Qrati tax-Sheriff, tal-Court of Session u tal-High Court of Justiciary fuq is-sit elettroniku tiegħu minn Settembru 1998. Hemm żewġ tiftixiet separati disponibbli, li jkopru l-[Court of Session u l-High Court of Justiciary](#) u l-[Qrati tax-Sheriff](#). L-aċċess għal dawn is-sentenzi huwa mingħajr ħlas.

Is-sentenzi huma disponibbli mill-**Appellate Committee of the House of Lords** mill-14 ta' Novembru 1996 sat-30 ta' Lulju 2009. L-aċċess għal dawn is-sentenzi huwa mingħajr ħlas.

Hemm ukoll għadd ta' repożitorji legali nazzjonali u bażijiet tad-dejta legali disponibbli.

Il-bażi tad-dejta [Bailii](#) (*British and Irish Legal Information Institute* - Istitut tal-Infurmazzjoni Legali Britannika u Irlandiża) fiha deċiżjonijiet mill-*Court of Session* mill-1879, mill-*High Court of Justiciary* mill-1914, mill-Qorti tax-*Sheriff* mill-1998 u mill-[House of Lords](#) mill-1838. L-aċċess għal dawn is-sentenzi huwa mingħajr ħlas.

Is-[sit elettroniku tal-Bailii](#) fih ukoll dettalji ta' deċiżjonijiet minn bosta tribunali tar-Renju Unit:

- Tribunal Superjuri (Kamra tal-Appelli Amministrattivi) – (*Upper Tribunal*)(*Administrative Appeals Chamber*)
- Tribunal Superjuri (Finanzi u Taxxi)
- Tribunal Superjuri (Kamra tal-Artijiet)
- Tribunal tal-Ewwel Grad (*First-tier Tribunal*) (Kamra dwar l-Edukazzjoni, is-Saħħa u l-Kura Soċjali)
- Tribunal tal-Ewwel Grad (Taxxa)
- Tribunal tal-Appelli dwar il-Kompetizzjoni tar-Renju Unit
- Servizz tar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim Nominet UK

- Kummissjoni tal-Appelli Speċjali dwar l-Immigrazzjonijiet
- It-Tribunal tal-Appelli tar-Renju Unit dwar l-Impjeggi
- Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar Servizzi Finanzjarji u tas-Swieq
- It-Tribunal tar-Renju Unit dwar l-Ażil u l-Immigrazzjoni
- It-Tribunal tar-Renju Unit dwar Informazzjoni inkluż il-Bord tal-Appelli dwar is-Sigurtà Nazzjonali
- Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissarji Speċjali tar-Renju Unit dwar it-Taxxa fuq Dħul
- Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissarji tar-Renju Unit dwar is-Sigurtà Soċjali u l-Appoġġ għat-tfal
- Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju
 1. Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju (Dwana)
 2. Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju (Sisa)
 3. Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju (Taxxa fuq il-Primja tal-Assikurazzjoni)
 4. Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju (Taxxa fuq il-Landfills)

Links relatati

[Bailii](#), [House of Lords](#), [Sit Elettroniku tal-Bailii](#), [House of Lords](#), [Servizz tal-Qrati Skoċċiżi](#), [Court of Session u l-High Court of Justiciary](#), [Qrati tax-Sheriff](#)

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija għestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 06/06/2018